



Brussell, 25 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9011/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0012 (COD)

TRANS 203
MAR 64
ENV 307
CODEC 780
PECHE 165

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/ Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 5454/18 TRANS 20 MAR 9 ENV 30 CODEC 59 IA 19 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE – Approċċ ġenerali

1. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Jannar 2018 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala parti mill-hekk imsejjaħ Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari.
2. L-għan prinċipali tal-proposta huwa li jinkiseb livell oġhla ta' protezzjoni tal-ambjent tal-baħar;
3. Il-Kummissjoni tqis li 17-il sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva attwali jeħtieġ issir reviżjoni fil-fond. Il-proposta tħassar id-Direttiva attwali, u tissostitwiha b'Direttiva ġdida unika;

4. Id-Direttiva tindirizza n-nuqqas ta' reġistrazzjoni sistematika ta' skart ikkonsenjat fil-portijiet u l-iskambju insuffiċjenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tfitx li tallinja, kemm jista' jkun, l-leġislazzjoni tal-UE mal-qafas legali internazzjonali (il-Konvenzjoni MARPOL) u identifikat ukoll li d-Direttiva attwali mhix kompletament konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart u trid tirrettifika dan, fost l-oħrajn, permezz tal-istabbiliment ta' pjanijiet għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart;
5. Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll sistema ta' tariffi indiretti għall-bastimenti kollha biex tinċentiva l-konsenja tal-iskart fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;
6. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) fil-15 ta' Marzu 2018 ħatar lis-Sinjura Gesine Meissner (ALDE, DE) bħala rapporteur. Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) ikkondivida kompetenzi dwar xi partijiet mill-proposta. Il-Kumitat għas-Sajd (PECH) ser jagħti opinjoni dwar il-proposta. Fil-laqgħa tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2018, il-kumitat TRAN ser ikollu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-proposta.
7. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni għadhom iridu jadottaw l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta.

2. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

8. Fis-17 ta' Jannar, il-Presidenza Bulgara stiednet lill-Kummissjoni tippreżenta l-valutazzjoni tal-impatt fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu. Wara dan, fl-24 ta' Jannar, il-Kummissjoni tat preżentazzjoni ġenerali tal-proposta lill-Grupp ta' Ħidma.
9. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu fl-1 u l-21 ta' Frar, l-1 u t-8 ta' Marzu, it-12 u d-19 ta' April, u t-2, l-14 u t-22 u l-24 ta' Mejju 2018. L-isfidi ewlenin tal-fajl jinkludu l-obbligu fuq il-bastimenti li jikkonsenjaw l-iskart abbord qabel ma jtilqu minn kull port u li l-kost tat-tħaddim tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart ikun kopert permezz tal-ġbir ta' tariffa mill-bastimenti. Il-Presidenza żviluppat kompromess bejn id-dispożizzjonijiet fi ħdan id-Direttiva biex tindirizza dawn il-punti.

3. **KWISTJONIJIET PENDENTI**

10. Il-Grupp ta' Ħidma indirizza l-parti l-kbira tal-kwistjonijiet tekniċi. Ċerti għażliet bażiċi ta' politika, b'mod partikolari dwar ir-referenza dinamika għall-Konvenzjoni Marpol, it-tħassir ta' ċerti Annessi u l-eżenzjoni għal arranġamenti biex ikunu żgurati l-konsenja tal-iskart u l-ħlasijiet ta' tariffi ma' port f'pajjiż terz, mhumiex kompletament kondiviżi mill-Istati Membri kollha. Madankollu, il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess attwali jirrappreżenta soluzzjoni bilanċjata iżda fl-istess ħin koerenti għall-kwistjonijiet involuti.

4. **KONKLUŻJONI**

11. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova t-test ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza li jinsab fl-Anness għal dan id-dokument, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill TTE (Trasport) fis-7 ta' Ġunju 2018.
-

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-konsenja ta' skart minn
bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-
Direttiva 2010/65/UE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att legiſlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni²,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-politika marittima tal-Unjoni timmira lejn livell għoli ta' sigurtà u ta' ħarsien tal-ambjent. Dan jiſta' jinkiseb permezz tal-konformità ma' konvenzjonijiet, kodiċijiet u riżoluzzjonijiet internazzjonali filwaqt li tinżamm il-libertà tan-navigazzjoni kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ("UNCLOS").

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (2) Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (il-"Konvenzjoni MARPOL") tipprevedi projbizzjonijiet ġenerali dwar ir-rimi minn bastimenti fuq il-baħar, imma tirregola wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom ċerti tipi ta' skart jistgħu jintremew fl-ambjent tal-baħar. Il-Konvenzjoni MARPOL teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-forniment ta' faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart.
- (3) L-Unjoni imxiet fuq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni MARPOL permezz tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill³, billi segwiet approċċ imsejjes fuq il-portijiet. Id-Direttiva 2000/59/KE għandha l-għan li tirrikonċilja l-interessi ta' ħidma bla xkiel tat-trasport marittimu mal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.
- (4) F'dawn l-aħħar żewġ deċennji, il-Konvenzjoni MARPOL u l-Annessi tagħha għaddew minn emendi importanti, li jistabbilixxu normi u projbizzjonijiet aktar stretti għar-rimi ta' skart mill-bastimenti fuq il-baħar.
- (5) L-Anness VI għall-Konvenzjoni MARPOL daħħal normi dwar ir-rimi għal kategoriji ta' skart ġodda, b'mod partikolari, il-fdalijiet minn sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost, magħmula kemm mill-flus ta' ħama u ta' ilma. Dawk il-kategoriji ta' skart jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (6) Fil-15 ta' April 2014, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") adottat il-Gwida Konsolidata għall-fornituri u għall-utenti ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart (MEPC.1/Ċirkolari 834), inkluż il-format standard għan-notifika ta' skart, il-konsenja tal-iskart, u r-rappurtar tal-inadegwatezzi allegati fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart.
- (7) Minkejja dawk l-iżviluppi regolatorji, ir-rimi ta' skart fil-baħar għadu jseħħ. Dan hu dovut għal taħlita ta' fatturi, jiġifieri faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart li mhux dejjem qed ikunu disponibbli, infurzar li ta' spiss mhux suffiċjenti u qed ikun hemm nuqqas ta' inċentivi biex l-iskart jiġi kkonsenjat fuq l-art.

³ Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81).

- (8) Mid-dħul fis-seħħ tagħha, id-Direttiva 2000/59/KE kkontribwiet biex volumi dejjem akbar ta' skart jiġu kkonsenjati lill-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, u għaldaqstant kienet strumentali biex jitnaqqas l-iskart fil-baħar, kif ħareġ mill-evalwazzjoni ta' dik id-Direttiva li twettqet fil-qafas tal-programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (Evalwazzjoni REFIT).
- (9) L-Evalwazzjoni REFIT uriet ukoll li d-Direttiva 2000/59/KE ma kinitx effettiva kompletament minħabba inkonsistenzi mal-qafas tal-Konvenzjoni MARPOL. Barra minn hekk, l-Istati Membri żviluppaw interpretazzjonijiet differenti tal-kunċetti ewlenin ta' dik id-Direttiva, bħall-adegwatezza tal-faċilitajiet, in-notifika tal-iskart bil-quddiem u l-konsenja obbligatorja tal-iskart fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, u l-eżenzjonijiet għal bastimenti fi traffiku skedat. L-Evalwazzjoni REFIT appellat għal aktar armonizzazzjoni ta' dawk il-kunċetti u għal aktar allinjament mal-Konvenzjoni MARPOL sabiex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed kemm fuq il-portijiet kif ukoll fuq l-utenti tal-portijiet.
- (10) Din id-Direttiva hija strumentali wkoll għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni u l-prinċipji ambjentali ewlenin fil-kuntest tal-portijiet u l-ġestjoni tal-iskart minn bastimenti. B'mod partikolari, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill⁴, u d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill⁵, huma strumenti rilevanti f'dan ir-rigward.
- (11) Id-Direttiva 2008/98/KE tistabbilixxi l-prinċipji ewlenin tal-ġestjoni tal-iskart, inkluż il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-ġerarkija tal-iskart, li titlob preċedenza tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart fuq tipi oħra ta' rkupru u rimi tal-iskart u tesiġi l-istabbiliment ta' sistemi għall-ġbir separat tal-iskart. Barra minn hekk, il-kunċett ta' responsabbiltà estiża tal-produttur huwa prinċipju gwida tal-liġi tal-Unjoni dwar l-iskart, li abbażi tiegħu l-produtturi tal-prodotti huma responsabbli għall-impatti ambjentali tal-prodotti tagħhom matul iċ-ċiklu ta' ħajja ta' dawk il-prodotti. Dawn l-obbligi japplikaw ukoll għall-ġestjoni ta' skart minn bastimenti.

⁴ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

⁵ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

- (12) Il-ġbir separat ta' skart mill-bastimenti, inkluż l-irkaptu tas-sajd qadim, huwa meħtieġ biex jiżgura l-irkupru tiegħu aktar 'l isfel fil-katina tal-ġestjoni tal-iskart. Iż-żibel spiss huwa segregat abbord ta' bastimenti b'konformità ma' normi u standards internazzjonali u l-leġislazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li dawn l-isforzi ta' segregazzjoni tal-iskart abbord ma jkunux kompromessi minn nuqqas ta' arranġamenti għal ġbir separat fuq l-art.
- (12a) Id-Direttiva 20xx/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart⁶ (Direttiva Qafas dwar l-Iskart) tappella lill-Istati Membri biex iwaqqfu l-produzzjoni ta' skart fil-baħar bħala kontribut għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiġi prevenut u jitnaqqas b'mod sinifikanti kull tip ta' tniġġis tal-baħar.
- (13) Għalkemm il-maġġoranza tal-iskart fil-baħar ġejja minn attivitajiet fuq l-art, l-industrija tat-tbajhir, inklużi s-setturi tas-sajd u l-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, hija wkoll kontributur importanti, b'rimi ta' żibel, inkluż plastik u rkaptu tas-sajd qadim, li jisfaw direttament fil-baħar.
- (14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2015 bit-titlu "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari"[...] ⁷ rrikonoxxiet ir-rwol speċifiku li d-Direttiva 2000/59/KE għandha f'dan ir-rigward, billi tiżgura d-disponibbiltà ta' faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, u tipprevedi kemm il-livell tajjeb ta' inċentivi kif ukoll l-infurzar tal-konsenja tal-iskart fil-faċilitajiet fuq l-art.
- (15) Faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart hija kkunsidrata adegwata jekk tkun kapaċi tissodisfa l-ħtiġijiet tal-bastimenti li normalment jużaw il-port mingħajr ma tikkawża dewmien bla bżonn [, kif speċifikat ukoll fl-MEPC.1/Ċirkolari 834]. L-adeqwatezza tirrigwarda kemm il-kundizzjonijiet operazzjonali tal-faċilità fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-utenti, kif ukoll l-ġestjoni ambjentali tal-faċilitajiet skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart.
- F'xi każijiet jista' jkun diffiċli li jiġi vvalutat jekk faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart li tinsab barra mill-Unjoni tissodisfax dan l-istandard.**

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM/2015/0614 "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari", it-taqsima 5.1.

- (16) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ jirrikjedi li l-iskart internazzjonali mill-industrija tal-ikel jiġi inċinerat jew mormi permezz ta' dfin f'miżbla awtorizzata, inkluż skart minn bastimenti li jidħlu f'portijiet tal-Unjoni li potenzjalment ġew f'kuntatt ma' prodotti sekondarji tal-annimali abbord. Sabiex dan ir-rekwiżit ma jillimitax il-promozzjoni ta' aktar użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta' skart minn bastimenti, jenħtieġ li jsiru sforzi aħjar biex jiġi sseparat l-iskart abbord b'tali mod li l-kontaminazzjoni potenzjali tal-iskart, bħal skart mill-imballaġġ, tkun tista' tiġi evitata.
- (17) Biex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, l-iżvilupp u l-valutazzjoni mill-ġdid tal-pjan għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart huma essenzjali, abbażi ta' konsultazzjoni mal-utenti tal-portijiet rilevanti kollha. Għal raġunijiet prattiċi u ta' organizzazzjoni, portijiet ġirien fl-istess reġjun jaf ikunu jixtiequ jiżviluppaw pjan konġunt, li jkopri d-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart f'kull wieħed mill-portijiet koperti mill-pjan, filwaqt li jipprovdu qafas amministrattiv komuni.
- (18) Biex jindirizzaw il-problema tal-iskart fil-baħar b'mod effettiv, huwa fundamentali jiġi pprovdut il-livell ġust ta' inċentivi għall-konsenja tal-iskart fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, b'mod partikolari ż-żibel. Dan jista' jinkiseb permezz ta' sistema ta' rkupru tal-ispejjeż, li tirrikjedi l-applikazzjoni ta' tariffa indiretta, li tkun dovuta irrISPettivament minn jekk jiġix konsenjat skart jew le u li għandha tagħti dritt ta' konsenja ta' skart mingħajr l-ebda spejjeż diretti addizzjonali. **Madankollu, fil-każ li bastiment jikkonsenja ammont eċċezzjonali ta' skart tal-Anness V, speċjalment skart operattiv, li jaqbeż il-kapaċità ta' ħżin massima ddedikata kif imsemmi fil-formola għan-notifika bil-quddiem għall-konsenja ta' skart, tista' tiġi applikata tariffa diretta addizzjonali biex ikun żgurat li l-ispejjeż relatati mar-riċeviment ta' dan l-ammont eċċezzjonali ta' skart ma jikkawżawx piż disproporzjonat fuq is-sistema ta' rkupru tal-ispejjeż ta' port. Dan jista' jkun ukoll il-każ fejn il-kapaċità ta' ħżin massima ddedikata tkun eċċessiva jew mhux raġonevoli.** Is-settur tas-sajd u tar-rikreazzjoni, minħabba l-kontribut tagħhom fl-okkorrenza ta' skart tal-baħar, jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll f'din is-sistema.

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

- (18a) F'ċerti Stati Membri, ġew stabbiliti skemi biex jiġi pprovdut finanzjament alternattiv għall-ispejjeż tal-ġbir u l-ġestjoni ta' skart ta' rkaptu tas-sajd jew ta' skart mistad l-art b'mod passiv. Dawk l-iskemi, li jistgħu jkunu bbażati fuq ftehimiet bejn il-portijiet u komunitajiet tas-sajd fl-Istati Membri, jistgħu jkunu appoġġati minn skemi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, li jenħtieġ li jikkumplimentaw is-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż stabbiliti f'konformità ma' din id-Direttiva. Dawk is-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż per se, li huma bbażati fuq l-applikazzjoni ta' tariffa indiretta 100% għall-iskart ta' żibel minn bastimenti, jenħtieġ li ma jgħallqux diżinċentiv għall-komunitajiet tal-portijiet tas-sajd milli jipparteċipaw fi skemi eżistenti ta' konsenja għal skart mistad b'mod passiv.
- (19) Il-kunċett ta' "Bastiment ekoloġikament sensittiv" jenħtieġ li jiġi żviluppat aktar fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart, sabiex tkun tista' tiġi implimentata sistema effettiva ta' premjazzjoni għal dawk il-bastimenti li jnaqqsu l-iskart tagħhom abbord. It-tnaqqis tal-iskart jinkiseb primarjament permezz ta' segregazzjoni effettiva tal-iskart abbord f'konformità mal-linji gwida tal-IMO għall-Anness V tal-Konvenzjoni MARPOL u l-istandards żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni.
- (20) Il-fdalijiet tal-merkanzija jibqgħu l-proprjetà ta' sid il-merkanzija wara l-ħatt tal-merkanzija fit-terminal, u ta' spiss ikollhom valur ekonomiku. Għal din ir-raġuni, il-fdalijiet tal-merkanzija jenħtieġ li ma jiġux inklużi fis-sistemi għall-irkupru tal-ispejjeż u fl-applikazzjoni ta' tariffa indiretta; it-tariffa għall-konsenja ta' fdalijiet ta' merkanzija jenħtieġ li titħallas mill-utent tal-faċilità tal-akkoljenza, kif speċifikat fl-arranġamenti tal-ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet involuti jew f'arranġamenti lokali oħra. Jenħtieġ li l-fdalijiet tal-merkanzija jinkludu wkoll il-fdalijiet ta' żejt jew likwidi noċivi wara operazzjonijiet ta' tindif, li għalihom japplikaw in-normi dwar ir-rimi tal-Annessi I u II tal-Konvenzjoni MARPOL, u li f'ċerti kondizzjonijiet, kif stabbilit f'dawk l-Annessi, m'hemmx għalfejn jiġu kkonsenjati f'port biex jiġu evitati spejjeż operazzjonali bla bżonn għall-bastimenti u konġestjoni fil-portijiet.

- (21) Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, jinkludi d-dispożizzjoni ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart bħala servizz fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dan jipprovdi regoli dwar it-trasparenza tal-istrutturi tat-tariffi applikati għall-użu ta' servizzi portwarji, il-konsultazzjoni tal-utenti tal-portijiet u l-manipulazzjoni tal-proċeduri ta' lment. Din id-Direttiva tmur lil hinn mill-qafas ipprovdut minn dak ir-Regolament billi tipprovdi rekwiżiti aktar dettaljati għat-tħaddim u t-tfassil ta' sistemi ta' rkupru ta' spejjeż għal faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart minn bastimenti u trasparenza tal-istruttura tal-ispejjeż.
- (22) Barra li jiġu pprovduti inċentivi għall-konsenja, l-infurzar effettiv tal-obbligu ta' konsenja huwa kruċjali u jenħtieġ li jsegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju f'konformità mad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, li m'għadhiex konsistenti mal-mira ta' 25 % għal spezzjonijiet fid-Direttiva 2000/59/KE għal bastimenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.
- (23) Wieħed mill-ostakli prinċipali għall-infurzar effettiv tal-konsenja obligatorja kien l-interpretazzjoni u implimentazzjoni differenti mill-Istati Membri tal-eċċezzjoni bbażata fuq il-kapaċità suffiċjenti ta' ħżin abbord. Sabiex jiġi evitat li l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni tippreġudika l-għan ewlieni tad-Direttiva, din jenħtieġ tiġi speċifikata aktar, b'mod partikolari fir-rigward tal-port tal-waqfa li jmiss, u l-kapaċità suffiċjenti ta' ħżin jenħtieġ li tiġi ddeterminata b'mod armonizzat fil-portijiet tal-Unjoni, abbażi ta' metodoloġija u kriterji komuni. **F'każijiet fejn ikun diffiċli li jiġi stabbilit jekk f'portijiet barra l-Unjoni jkunx hemm faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart adegwati disponibbli, huwa essenzjali li l-awtorità kompetenti tikkunsidra bir-reqqa l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni.**

⁹ Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1).

¹⁰ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

- (24) Il-monitoraġġ u l-infurzar jenħtieġ li jiġu ffaċilitati permezz ta' sistema elettronika ta' rappurtar u skambju ta' informazzjoni. Għal dan il-għan, l-informazzjoni eżistenti u s-sistema ta' monitoraġġ stabbiliti skont id-Direttiva 2000/59/KE jenħtieġ li jiġu żviluppati aktar, u jenħtieġ li jiġu mħaddma fuq bażi ta' data elettronika eżistenti, b'mod partikolari s-sistemi ta' Informazzjoni u ta' Skambju Marittimi tal-Unjoni (SafeSeaNet) u l-Bażi tad-data tal-Ispezzjoni (THETIS). Is-sistema jenħtieġ li tinkludi wkoll l-informazzjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart li jkunu disponibbli fil-portijiet differenti.

(24a) Id-Direttiva 2010/65/UE tissimplifika u tarmonizza l-proċeduri amministrattivi applikati għat-trasport marittimu billi tagħmel it-trasmissjoni elettronika tal-informazzjoni aktar ġenerali u tissimplifika l-formalitajiet tar-rappurtar. Id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta, adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Ġunju 2017, stiednet lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi segwitu xieraq għar-reviżjoni ta' din id-direttiva. Il-Kummissjoni wettget konsultazzjoni pubblika dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għall-bastimenti bejn il-25 ta' Ottubru 2017 u t-18 ta' Jannar 2018. Sabiex ikun previst żvilupp effiċjenti ta' sistemi tal-informazzjoni, l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda ta' rappurtar elektroniku għall-iskart tal-bastimenti jenħtieġ li ma jiġix modifikat bl-implimentazzjoni tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi ambjent ta' Punt Uniku ta' Kuntatt Marittimu Ewropew u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE li kienet adottata reċentement mill-Kummissjoni.

- (25) Il-Konvenzjoni MARPOL titlob lill-partijiet kontraenti li jżommu informazzjoni aġġornata dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart tagħhom u li jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-IMO. Għal dan il-għan l-IMO stabbiliet Bażi tad-data dwar il-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet għall-Iskart fi ħdan is-Sistema ta' Informazzjoni Globali Integrata dwar il-bastimenti tagħha ("GISIS"). Billi jirrappurtaw din l-informazzjoni lis-Sistema tal-Informazzjoni, il-Monitoraġġ u l-Infurzar stabbilita mid-Direttiva, u permezz tat-trasmissjoni sussegwenti ta' din l-informazzjoni permezz tas-sistema GISIS, l-Istati Membri ma jkollhomx għalfejn aktar jirrappurtaw din l-informazzjoni separatament lill-IMO.

- (25a) F'MEPC.1/Ċirkulari 834, l-IMO tipprevedi r-rappurtar ta' inadegwatezzi allegati tal-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet għall-Iskart. Skont din il-proċedura, bastiment jista' jirrapporta inadegwatezzi bħal dawn lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, li min-naħa tiegħu jenħtiegħ li jinnotifika lill-IMO u lill-Istat tal-port dwar l-okkorrenza. Jenħtiegħ li l-Istat tal-port jeżamina r-rapport u jwieġeb b'mod adatt, filwaqt li jinforma lill-IMO u lill-Istat tal-bandiera li jkun irrapporta. Jenħtiegħ li r-rappurtar ta' din l-informazzjoni dwar inadegwatezzi allegati direttament fis-Sistema ta' Informazzjoni, Monitoraġġ u Infurzar prevista f'din id-Direttiva, jippermetti t-trasmissjoni sussegwenti ta' din l-informazzjoni lill-GISIS, u b'hekk l-Istati Membri tal-bandiera u tal-port ma jkollhomx għalfejn jirrapportaw lill-IMO.
- (26) Hemm il-ħtieġa għal aktar armonizzazzjoni tar-reġim ta' eżenzjonijiet għal bastimenti fi traffiku skedat b'waqfiet frekwenti u regolari fil-portijiet, b'mod partikolari kjarifika tat-termini użati u l-kundizzjonijiet li jirregolaw dawk l-eżenzjonijiet. L-Evalwazzjoni tar-REFIT u l-Valutazzjoni tal-Impatt urew li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet u l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet irriżultaw f'piż amministrattiv żejjed għall-bastimenti u l-portijiet.
- (26a) Minħabba n-natura tax-xejriet tat-traffiku tiegħu, li huma kkaratterizzati minn żjajjar frekwenti f'port, it-trasport marittimu fuq distanzi qosra qed jiffaċċa spejjeż sinifikanti fis-sistema attwali għall-konsenja ta' skart lill-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, billi bastiment ikollu jħallas tariffa kull darba li jidħol f'port. Fl-istess ħin, it-traffiku mhuwiex biżżejjed skedat u regolari biex jikkwalifika għal eżenzjoni minn ħlas u mill-konsenja ta' skart għal dawk ir-raġunijiet. Sabiex jiġi limitat il-piż finanzjarju fuq is-settur, jenħtiegħ li jkun possibbli li jiġu imposti tariffi differenzjati għall-bastimenti abbażi tat-tip ta' traffiku li jkunu involuti fih.
- (27) Is-Sottogrupp dwar il-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet għall-Iskart, li kien twaqqaf fil-qafas tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli, u li għaqqad flimkien firxa wiesgħa ta' esperti fil-qasam tat-tniġġis minn bastimenti u l-ġestjoni ta' skart minn bastimenti, ġie differit f'Diċembru 2017 minħabba l-bidu tan-negozjati interistituzzjonali. Billi s-sottogrupp ipprova gwida u għarfien espert siewja lill-Kummissjoni, jixraq li jinholq grupp espert simili b'mandat ta' skambju ta' esperjenza dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

- (28) Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex timplimenta id-Direttiva 2000/59/KE jenħtiegħ li jiġu aġġornati b'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (29) Sabiex tipprevedi metodoloġija għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni bbażata fuq kapaċità suffiċjenti ta' ħżin, u għall-iżvilupp ulterjuri tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar stabbilita skont din id-Direttiva, is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtiegħ li jiġu konferiti lill-Kummissjoni. Jenħtiegħ li l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹.
- (30) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, u biex jithegħġu prattiki ta' ġestjoni tal-iskart ekoloġiċi abbord, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtiegħ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' din id-Direttiva sabiex tagħġorna r-referenzi għal strumenti internazzjonali u l-Annessi u biex tibdel r-referenzi għal strumenti internazzjonali, ħalli jiġu evitati, jekk meħtiegħ, bidliet għal dawk l-istrumenti internazzjonali milli japplikaw għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u biex tiżviluppa kriterji komuni għall-għarfien ta' "bastimenti ekoloġikament sensittivi" bil-għan tal-għoti ta' tariffa tal-iskart imnaqqsa lil dawk il-bastimenti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, ukoll fil-livell tal-esperti. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹². B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

¹² ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (31) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li l-ambjent tal-baħar jiġi protett minn rimi ta' skart, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri waħedhom, iżda, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jista' jinkiseb b'mod aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (32) L-Unjoni hija karatterizzata minn differenzi reġjonali fuq il-livell tal-portijiet, kif muri wkoll fil-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali. Il-portijiet huma differenti abbażi tal-lokalità ġeografika, id-daqs, l-istruttura, l-amministrattiva u s-sjieda, u huma kkaratterizzati mit-tip tal-bastimenti li normalment iżuruhom. Barra minn hekk, is-sistemi ta' ġestjoni tal-iskart jirriflettu d-differenzi fil-livell municipli u l-infrastruttura aktar 'l isfel fil-katina tal-ġestjoni tal-iskart.
- (32a) Sabiex ma jiġix impost piż amministrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri mingħajr kosta li la għandhom portijiet u lanqas għandhom bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tali Stati Membri jitħallew jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Madankollu dawk l-Istati Membri mingħajr kosta li għandhom bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom jitħallew jidderogaw biss minn dawk id-dispożizzjonijiet li huma applikabbli għall-portijiet. Dan ifisser li sakemm dawk il-kondizzjonijiet ikunu sodisfatti, huma mhumieks obligati jitrassponu din id-Direttiva, jew ċerti dispożizzjonijiet tagħha.
- (33) Id-Direttiva 2000/59/KE jenħtieġ għalhekk li titfassar,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

TAQSIMA 1: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent marittimu kontra l-effetti negattivi minn rimi ta' skart minn bastimenti li jużaw il-portijiet li jinsabu fl-Unjoni, waqt li jiġi żgurat l-operat mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu, billi ttejjeb id-disponibbiltà ta' faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart u l-konsenja ta' skart lejn dawk il-faċilitajiet.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "bastiment" tfisser bastiment ta' kull tip li jaħdem fl-ambjent tal-baħar, inklużi l-bastimenti tas-sajd u l-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni li mhumiex impenjati fil-kummerċ, dgħajjes tal-hydrofoil, il-vetturi li jimxu fuq kuxxina tal-arja, il-vetturi li jimxu taħt l-ilma u dawk li jżommu f'wiċċ l-ilma;
- (b) "il-Konvenzjoni MARPOL" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti, fil-verżjoni aġġornata tagħha;
- (c) "skart minn bastimenti" tfisser kull skart, inkluż il-fdalijiet tal-merkanzija, li jiġi ġġenerat matul is-servizz ta' bastiment jew matul it-tagħbija, il-ħatt jew l-operazzjonijiet ta' tindif, u li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi I, II, IV, V u VI tal-Konvenzjoni MARPOL u skart mistad b'mod passiv;
- (ca) "skart mistad b'mod passiv" tfisser skart li jinġabar fix-xbieki matul l-operazzjonijiet tas-sajd;
- (d) "fdalijiet tal-merkanzija" tfisser il-fdalijiet ta' kwalunkwe materjal tal-merkanzija abbord li jibqgħu fuq il-gverta jew fl-istivi jew fit-tankijiet wara t-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija, inklużi it-tixrid, it-tagħbija u l-ħatt eċċessiv, sew jekk imxarrab jew niexef, inkorporat fl-ilma tal-ħasil, bl-esklużjoni tat-trab li jifdal fuq il-gverta wara knis jew trab mal-uċuħ ta' barra tal-bastiment;

- (e) "faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart" tfisser kull faċilità li hija fissa, mobbli jew li żżomm f'wiċċ l-ilma u li kapaċi tipprovdi s-servizz li tirċievi l-iskart mill-bastimenti;
- (f) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment mġhammar jew użat kummerċjalment għall-qbid tal-ħut jew ta' riżorsi oħra ħajjin mill-baħar;
- (g) "opra tal-baħar għar-rikreazzjoni" tfisser bastiment ta' kull tip, b'buq ta' tul ta' 2.5 metru jew iżjed, ikunu xi jkunu l-mezzi tal-propulsjoni tiegħu, maħsub għall-isport jew għal raġunijiet ta' divertiment, u li mhux involut fil-kummerċ;
- (h) [...]
- (i) "vjaġġ domestiku" tfisser vjaġġ f'żoni tal-baħar minn port ta' Stat Membru lejn l-istess port jew port ieħor f'dak l-Istat Membru;
- (j) "port" tfisser post jew żona ġeografika li jkopru ħidma ta' titjib u tagħmir li huma prinċipalment imfassla biex jippermettu l-akkoljenza ta' bastimenti, inkluż iż-żona ta' ankraġġ fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-port;
- (k) [...]
- (l) "kapaċità suffiċjenti ta' ħżin" tfisser biżżejjed kapaċità ta' ħżin ta' skart abbord mill-mument tat-tluq sal-port tal-waqfa li jkun imiss, inkluż l-iskart li x'aktarx jiġi ġġenerat matul il-vjaġġ;
- (m) "traffiku skedat" tfisser traffiku bbażat fuq lista ppubblikata jew ippjanata ta' ħinijiet ta' tluq u waslet bejn portijiet identifikati jew traġitti rikorrenti li jikkostitwixxu skeda rikonoxxuta [...] ¹³;
- (n) "waqfiet regolari fil-port" tfisser vjaġġi ripetuti mill-istess bastiment li jiffurmaw xejra identifikata kostanti bejn il-portijiet jew serje ta' vjaġġi minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji;

¹³ SE: tipproponi limitu ta' żmien ta' mill-inqas 3 xhur.

- (o) "żjajjar frekwenti f'port" tfisser żjajjar minn bastiment lejn l-istess port, li jseħħu tal-anqas darba kull ġimagħtejn;
- (p) "GISIS" tfisser is-sistema Globali Integrata ta' Informazzjoni tal-Bastimenti stabbilita mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;
- (q) "tariffa indiretta" tfisser tariffa mħallsa għall-forniment ta' servizzi ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, irrispettivament mill-konsenja reali tal-iskart mill-bastimenti.

"Skart minn bastimenti", kif definit fil-punti (c), **(ca)** u (d) għandu jitqies bħala skart skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għal:

- (a) il-bastimenti kollha, irrispettivament mill-bandiera tagħhom, li jidħlu f'port ta' Stat Membru jew li joperaw fih, bl-eċċezzjoni ta' bastimenti involuti f'servizzi relatati mal-port kif definit fir-Regolament (UE) 2017/352, kwalunkwe bastiment tal-gwerra, awżiljari navali jew bastiment ieħor fil-pussess ta' Stat jew imħaddem minn Stat u, f'dan iż-żmien, użat biss fuq bażi mhux kummerċjali fis-servizz tal-gvern;
- (b) il-portijiet kollha tal-Istati Membri li normalment iżuruhom bastimenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (a). Għall-fini ta' din id-Direttiva, u biex jiġi evitat dewmien bla bżonn għall-bastimenti, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu ż-żona tal-ankraġġ mill-portijiet tagħhom **għall-finijiet tal-** [...]applikazzjoni tal-Artikoli 6, 7 u 8.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li, fejn ikun raġonevolment possibbli, il-bastimenti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jikkonsenjaw l-iskart tagħhom b'mod konsistenti ma' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri li la jkollhom portijiet u lanqas bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ħlief għall-obbligu stabbilit fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-Istati Membri li ma għandhomx portijiet li jaqgħu [...] fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li huma indirizzati unikament lill-portijiet.

Dawk l-Istati Membri li jkun biħsiebhom jagħmlu użu mid-derogi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [id-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja] dwar jekk il-kondizzjonijiet ikunux issodisfati u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kull sena minn hemm 'il quddiem bi kwalunkwe bidla sussegwenti. Sakemm dawn l-Istati Membri jkunu ttrasponew u implimentaw din id-Direttiva ma jistgħux ikollhom kwalunkwe port li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew jippermettu lill-bastimenti jew l-inġenji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jtajru l-bandiera tagħhom.

TAQSIMA 2:
**DISPOŻIZZJONI TA' FAĊILITAJIET ADEGWATI TAL-AKKOLJENZA FIL-
PORTIJIET GĦALL-ISKART**

Artikolu 4

Faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tal-faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart sabiex jilhqqu mal-ħtieġa tal-bastimenti li normalment jużaw il-port mingħajr ma jikkawżaw dewmien mhux xieraq lill-bastimenti.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
 - (a) il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart jkollhom il-kapaċità li jirċievu t-tipi u l-kwantitajiet tal-iskart mill-bastiment li normalment jużaw il-port, filwaqt li jqisu l-ħtieġiet tal-utenti tal-port, id-daqs u l-lokalità ġeografika tal-port, it-tip tal-bastimenti li jidħlu f'dak il-port[...] u l-eżenzjonijiet ipprovduti skont l-Artikolu 9;
 - (b) il-formalitajiet u l-arranġamenti prattiċi li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-faċilitajiet huma sempliċi u veloċi biex jiġi evitat dewmien bla bżonn għall-bastimenti;
 - (ba) it-tariffi imposti għall-konsenja ma joħolqux diżinċentiv għall-bastimenti milli jużaw il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;

(c) il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart jippermettu l-ġestjoni tal-iskart mill-bastimenti b'mod li jirrispetta l-ambjent skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/98/KE u leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni dwar l-iskart. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġbir separat ta' skart minn bastimenti fil-portijiet kif meħtieġ skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, b'mod partikolari d-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ u d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵. Sabiex dan il-proċess jiġi ffaċilitat, il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart jistgħu jiġbru l-frazzjonijiet separati tal-iskart f'konformità mal-kategoriji tal-iskart definiti fil-Konvenzjoni Marpol, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida tagħha. Dan il-punt għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti aktar stretti imposti mir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 għall-ġestjoni ta' skart mill-industrija tal-ikel minn trasport internazzjonali.

3. L-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom bħala Stati tal-bandiera, għandhom jużaw il-formoli u l-proċeduri tal-IMO biex jinnotifikaw lill-IMO kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Istat tal-port b'inadegwatezzi allegati tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart.

[...]

L-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom bħala Stati tal-port, għandhom jinvestigaw kull każ rappurtat ta' inadegwatezzi allegati u jużaw il-formoli u l-proċeduri tal-IMO biex jinnotifikaw lill-IMO u lill-Istat tal-bandiera li jirrapporta bl-eżitu tal-investigazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe parti involuta fil-konsenja jew fl-akkoljenza ta' skart minn bastimenti tkun tista' titlob kumpens għal ħsara kkawżata minn dewmien bla bżonn.

¹⁴ Id-Direttiva 2012/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

¹⁵ Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1).

Pjanijiet għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi stabbilit pjan adatt għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart u li dan ikun implimentat f'kull port wara konsultazzjonijiet kontinwi mal-partijiet rilevanti, b'mod partikolari mal-utenti tal-port jew mar-rappreżentanti tagħhom, u fejn ikun xieraq mal-awtoritajiet kompetenti lokali, mal-operaturi tal-**faċilitajiet** tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, u ma' organizzazzjonijiet li jimplimentaw obbligi ta' **responsabbiltà** tal-produttur estżi. Dawk il-konsultazzjonijiet għandhom isiru kemm matul l-abbozzar inizjali tal-pjanijiet kif ukoll wara l-adozzjoni tagħhom, b'mod partikolari fejn ikunu seħħu bidliet sinifikanti, fir-rigward tar-rekwiżiti fl-Artikoli 4, 6 u 7. [...]

1a¹⁶. Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi l-elementi dettaljati li għandu jkun fihom dawn il-pjanijiet li għandhom ikopru kull tip ta' skart minn bastimenti li normalment ikunu qed iżuru l-port u għandhom ikunu bbażati fuq id-daqs tal-port u t-tipi ta' bastimenti li jidħlu f'dak il-port. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2). L-ewwel att ta' implimentazzjoni bħal dan għandu jiġi adottat sa [ĠU: *żid id-data tad-dħul fis-seħħ + 12-il xahar*].

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni segwenti mill-pjanijiet għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart dwar id-disponibbiltà ta' faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart tagħhom għandha tiġi kkomunikata lill-operaturi tal-bastimenti u ssir pubblikament disponibbli u faċilment aċċessibbli:
 - (a) il-lokalità tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart li tapplika għal kull irmiġġ;
 - (b) lista ta' skart minn bastimenti li normalment jiġi ġestit mill-port;
 - (c) lista tal-punti tal-kuntatt, tal-operaturi tal-faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart u tas-servizzi offruti;
 - (d) deskrizzjoni tal-proċeduri tal-konsenja tal-iskart;

¹⁶ Kummissjoni: riżerva.

- (e) deskrizzjoni tas-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż, inkluż it-tariffi indiretti u l-bażi li fuqha dawn ġew ikkalkulati u l-iskemi u l-fondi tal-ġestjoni tal-iskart fejn applikabbli; u
- (f) [...]

Din l-informazzjoni għandha tkun ukoll disponibbli elettronikament u tinżamm aġġornata fil-parti tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar imsemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.

- 3. Il-pjanijiet għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart msemmija fil-paragrafu 1, jistgħu, fejn meħtieġ għal raġunijiet ta' effiċjenza, jiġu żviluppati b'mod konġunt minn żewġ portijiet ġirien jew aktar fl-istess reġjun, bl-involviment xieraq ta' kull port, sakemm il-ħtieġa u d-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, jiġu speċifikati għal kull port.
- 4. L-Istati Membri għandhom jevalwaw u japprovaw il-pjan tal-akkoljenza u jiżguraw l-approvazzjoni mill-ġdid tiegħu mill-inqas kull ħames snin¹⁸ wara li jkun ġie approvat jew approvat mill-ġdid u wara li jkunu seħħew bidliet sinifikanti fit-tħaddim tal-port. Dawn il-bidliet għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, bidliet strutturali fit-traffiku lejn il-port, l-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida, bidliet fid-domanda u l-provvista ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, u tekniki ġodda tat-trattament abbord.

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-port tal-pjan għall-akkoljenza u l-ġestjoni tal-iskart. Fejn matul dan il-perjodu ta' ħames snin ma tkun saret l-ebda bidla sinifikanti, l-approvazzjoni mill-ġdid tista' tikkonsisti minn validazzjoni tal-pjanijiet eżistenti.

- 5. [...]

¹⁷ Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

¹⁸ MT: tipproponi 3 snin.

TAQSIMA 3
KONSENJA TA' SKART MINN BASTIMENTI

Artikolu 6

Notifika bil-quddiem dwar l-iskart

1. L-operatur, l-aġent jew il-kaptan ta' bastiment li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE li jkun destinat għal port li jinsab fl-Unjoni għandu jimla b'verità u eżattezza l-formola stabbilita fl-Anness 2 għal din id-Direttiva u jinnotifika lill-awtorità jew lill-korp assenjat għal dan il-fini mill-Istat Membru li fih ikun jinsab dak il-port:
 - (a) mill-inqas 24 siegħa qabel tkun magħrufa l-wasla, jekk il-port tal-waqfa jkun magħruf; jew
 - (b) hekk kif il-port tal-waqfa jiġi magħruf, jekk dan it-tagħrif ikun disponibbli f'inqas minn 24 siegħa qabel il-wasla; jew
 - (c) minn tal-inqas mat-tluq mill-port ta' qabel, jekk it-tul tal-vjaġġ ikun inqas minn 24 siegħa.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ukoll irrapportata elettronikament fil-parti tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar imsemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva, b'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE u d-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹.
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli abbord, preferibbilment f'forma elettronika, għall-inqas sal-port tal-waqfa li jkun imiss u għandha tkun disponibbli fuq talba tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li tkun innotifikata skont dan l-Artikolu tkun eżaminata u tiġi kondiviża mal-awtoritajiet rilevanti ta' infurzar mingħajr dewmien.

¹⁹ Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jiġilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).

Konsenja ta' skart minn bastimenti

1. Il-kaptan ta' bastiment li jidħol f'port tal-Unjoni għandu, qabel ma jħalli l-port, jikkonsenja l-iskart kollu tiegħu li jkun qed jinġarr abbord lil faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart skont in-normi rilevanti dwar ir-rimi stabbiliti fil-Konvenzjoni MARPOL.

2²⁰. Mal-konsenja, l-operatur tal-faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart jew l-awtorità tal-port fejn ġie kkonsenjat l-iskart għandha timla b'verità u eżattezza l-formola stabbilita fl-Anness 3 u toħroġ u tipprovdi, mingħajr dewmien bla bżonn, l-irċevuta tal-iskart lill-bastiment.

Ir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal portijiet **żgħar** b'faċilitajiet mingħajr persunal jew [...] **li jinsabu** f'port remot [...], dment li l-Istat Membru li fih ikunu jinsabu t-tali portijiet ikun innotifika lil dawn il-portijiet b'mod elettroniku fil-parti tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar imsemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva.

3. L-operatur, l-aġent jew il-kaptan ta' bastiment, li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE, għandu jirrapporta b'mod elettroniku, qabel it-tluq jew hekk kif jirċeviha, l-informazzjoni mill-irċevuta tal-iskart fil-parti tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar imsemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE u d-Direttiva 2010/65/UE.

L-informazzjoni mill-irċevuta tal-iskart imsemmija f'dan il-paragrafu għandha tkun disponibbli abbord flimkien mal-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żejt, il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni tal-Merkanzija, il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żibel jew il-Pjan għall-Ġestjoni taż-Żibel, adatti u għandha tkun disponibbli fuq talba għall-awtoritajiet tal-Istati Membri.

4. [...]

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, bastiment jista' jipproċedi lejn il-port tal-waqfa li jmiss mingħajr ma jikkonsenja l-iskart, jekk:

²⁰ FR: tipproponi l-limitazzjoni tal-obbligu li tinħareġ irċevuta lill-bastimenti ta' aktar minn 45 metru.

- (a) l-informazzjoni pprovduta skont l-Annessi 2 u 3 turi li hemm biżżejjed kapaċità ta' ħżin dedikata għall-iskart kollu li ġie akkumulat u li ser jiġi akkumulat matul il-vjaġġ maħsub tal-bastiment sal-port tal-waqfa li jkun imiss; [...]
 - (aa) l-informazzjoni disponibbli abbord il-bastimenti li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE turi li hemm biżżejjed kapaċità ta' ħżin dedikata għall-iskart kollu li ġie akkumulat u li ser jiġi akkumulat matul il-vjaġġ maħsub tal-bastiment sal-port tal-waqfa li jkun imiss; jew
 - (b) il-bastiment jankra biss għal inqas minn 24 siegħa jew f'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena, fejn żona bħal din ma tkunx ġiet eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-port f'konformità mal-Artikolu 3.
6. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-eċċezzjoni bbażata fuq biżżejjed kapaċità ddedikata għall-ħżin, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-metodi li għandhom jintużaw għall-kalkolu ta' biżżejjed kapaċità ddedikata għall-ħżin abbord. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).
7. Jekk ma jkunx jista' jiġi stabbilit abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż informazzjoni disponibbli elettronikament fis-sistema ta' informazzjoni, monitoraġġ u infurzar imsemmija fl-Artikolu 14 jew fil-GISIS, li fil-port tal-waqfa li jmiss hemm faċilitajiet adegwati disponibbli, jew dan il-port ma jkunx magħruf, l-Istat Membru għandu jirrikjedi li l-bastiment, qabel it-tluq, jikkonsenja l-iskart kollu li ma jistax jiġi riċevut u ġestit b'mod adegwat fil-port tal-waqfa li jkun imiss.
8. Il-paragrafu 5 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti iktar strinġenti għall-bastimenti adottati skont id-dritt internazzjonali.

Sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż tat-tħaddim ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-akkoljenza u t-trattament tal-iskart mill-bastimenti, għajr il-fdalijiet tal-merkanzija, ikunu koperti permezz tal-ġbir ta' tariffa mill-bastimenti. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-irkupru tal-ispejjeż jiġi ssupplimentat minn sistemi ta' finanzjament alternattiv, bħad-dħul minn skemi u fondi ta' ġestjoni tal-iskart, fejn applikabbli. [...]

1a²². Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-kategoriji tal-ispejjeż u d-dħul nett relatati mat-tħaddim u l-amministrazzjoni ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart abbażi ta' evalwazzjoni ta' kull wieħed mill-elementi li ġejjin:

(a) spejjeż operattivi diretti li jirriżultaw mill-konsenja reali ta' skart minn bastimenti;

(b) spejjeż amministrattivi indiretti li jirriżultaw mill-ġestjoni tas-sistema fil-port; u

(c) qligħ nett minn sistemi ta' finanzjament alternattiv, inklużi skemi tal-ġestjoni tal-iskart u finanzjament nazzjonali jew reġjonali disponibbli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2). L-ewwel att ta' implimentazzjoni bħal dan għandu jiġi adottat sa [ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ + 12-il xahar].

2. Is-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż ma għandhom jipprovdu l-ebda inċentiv għall-bastimenti li jarmu l-iskart fil-baħar. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin fit-tfassil u t-tħaddim ta' sistemi ta' rkupru ta' spejjeż fil-portijiet:

²¹ DE, EL: riżerva ta' skrutinju ġenerali.

²² Kummissjoni: riżerva.

- (a) il-bastimenti għandhom iħallsu tariffa indiretta, irrISPettivament mill-konsenja ta' skart lil faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;
 - (b) it-tariffa indiretta għandha tkopri l-ispejjeż amministrattivi indiretti, kif ukoll parti sinifikanti mill-ispejjeż operattivi diretti [...]. Il-parti sinifikanti mill-ispejjeż operattivi diretti għandha tirrappreżenta mill-anqas 30 % tal-ispejjeż diretti totali għall-konsenja effettiva tal-iskart matul is-sena preċedenti;
 - (c) sabiex ikun previst inċentiv massimu għall-konsenja ta' skart kif definit fl-Anness V għall-Konvenzjoni MARPOL għajr il-fdalijiet tal-merkanzija, ma għandha tiġi applikata ebda tariffa diretta fuq dan l-iskart, sabiex jiġi żgurat dritt ta' konsenja mingħajr tariffi addizzjonali bbażati fuq il-volum tal-iskart konsenjat, ħlief meta dan il-volum ta' skart konsenjat jaqbeż il-kapaċità ta' ħżin massima ddedikata kif imsemmi fil-formola li tidher fl-Anness 2 għal din id-Direttiva²³. Skart mistad b'mod passiv għandu jkun kopert minn dan ir-reġim, inkluż id-dritt ta' konsenja;
 - (ca) **biex** jiġi evitat li l-ispejjeż tal-ġbir u t-trattament ta' skart mistad b'mod passiv jaqgħu esklużivament fuq l-utenti tal-port, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jkopru dawn l-ispejjeż mid-dħul iġġenerat minn **sistemi** ta' finanzjament alternattiv, **inkluż** skemi **tal-ġestjoni tal-iskart u finanzjament nazzjonali jew reġjonali disponibbli** [...];
 - (d) **it**-tariffa indiretta m'għandhiex tinkludi l-iskart mis-sistemi tat-tindif tal-gass tal-egżost, li l-ispejjeż tagħhom għandhom ikunu koperti fuq il-bażi tat-tipi u tal-kwantitajiet ta' skart konsenjati.
3. Il-parti tal-ispejjeż li ma tkunx koperta bit-tariffa msemmija fis-subparagrafu (b), jekk ikun hemm, għandha tkun koperta fuq il-bażi tat-tipi u tal-kwantitajiet ta' skart li fil-fatt ikun ikkonsenjat mill-bastiment.
4. [...]
- 4a. It-tariffi jistgħu jkunu differenzjati abbażi ta' dan li ġej:
- (a) il-kategorija, it-tip u d-daqs tal-bastiment;

²³ Kummissjoni: riżerva.

- (b) [...]
- (c) il-forniment ta' servizzi lil bastimenti barra s-sigħat operattivi normali fil-port; **jew**
- (d) in-natura perikoluża tal-iskart; [...]
- (e) [...]

4b. It-tariffi jistgħu jitnaqqsu abbażi ta' dan li ġej:

- (a) it-tip ta' kummerċ li l-bastiment huwa involut fih, b'mod partikolari meta bastiment ikun involut f'kummerċ tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra; jew**
- (b) id-disinn, it-tagħmir u l-operat tal-bastiment huma tali li juru li l-bastiment jipproduċi kwantitajiet imnaqqsa ta' skart, u jiġġestixxi l-iskart tiegħu b'mod sostenibbli u li jirrispetta lill-ambjent.**

4c [...] . Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, sa [ĠU: *żid id-data tad-dħul fis-seħħ + 12-il xahar*], biex tiddefinixxi l-kriterji sabiex jiġi determinat li bastiment jissodisfa r-rekwiżiti ddikjarati fil-punt **(b)** tal-paragrafu **4b** fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart abbord il-bastiment. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).

- 5. [...]
- 6. Sabiex jiġi żgurat illi t-tariffi huma ġusti, trasparenti, nondiskriminatorji, u li jirriflettu l-ispejjeż tal-faċilitajiet u tas-servizzi magħmula disponibbli u, fejn xieraq, użati, l-ammont tat-tariffi u l-bażi li fuqhom kienu kkalkolati għandhom ikunu disponibbli għall-utenti tal-portijiet.

Artikolu 9

Eżenzjonijiet

1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw bastiment li jidħol fil-portijiet tagħhom mill-obbligi fl-Artikoli 6, 7(1) u 8, fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li l-kondizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:
 - (a) il-bastiment ikun involut fi traffiku skedat b'portijiet tad-dħul frekwenti u regolari;
 - (b) hemm arranġament li jiżguraw il-konsenja tal-iskart u l-ħlas tat-tariffi f'port tul ir-rotta tal-bastiment; u
 - (c) l-arranġament skont il-punt (b) ikun evidenzjat b'kuntratt iffirmit ma' port jew ma' kuntrattur tal-iskart, b'irċevuti tal-konsenja tal-iskart u b'konferma li l-arranġament ġie nnotifikat lill-portijiet kollha tul ir-rotta tal-bastiment u aċċettat mill-port fejn iseħħu l-konsenja u l-ħlas. [...] ²⁴²⁵²⁶.
2. Jekk l-eżenzjoni tingħata, l-Istat Membru fejn jinsab il-port għandu joħroġ ċertifikat ta' eżenzjoni, abbażi tal-format stabbilit fl-Anness 5, li jikkonferma li l-bastiment jissodisfa l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni u li jiddikjara t-tul taż-żmien tal-eżenzjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni miċ-ċertifikat tal-eżenzjoni elettronikament lill-parti tas-sistema tal-informazzjoni u l-monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/59/KE.

²⁴ NL: tipproponi ż-żieda ta' punt (d) "minkejja l-eżenzjoni mogħtija fil-port tat-tluq, bastiment ma għandux jipproċedi għall-port tal-waqfa li jkun imiss jekk ma jkunx hemm kapacià ta' ħżin dedikata suffiċjenti għall-iskart kollu li jkun ġie akkumulat u li jkun ser jiġi akkumulat tul il-vjaġġ ippjanat tal-bastiment tal-port tal-waqfa li jkun imiss."

²⁵ Kummissjoni: riżerva.

²⁶ ES, FI: riżerva.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw monitoraġġ u infurzar effikaċi tal-arranġamenti tal-konsenja u tal-ħlas fis-seħħ għall-bastimenti eżentati li jżuru l-portijiet tagħhom.

TAQSIMA 4: INFURZAR

Artikolu 10

Spezzjonijiet

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi kull bastiment ikun suġġett għal spezzjoni sabiex jiġi vverifikat illi jħares ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Artikolu 11

Spezzjonijiet ta' Kontroll mill-Istat tal-Port

[...]

Artikolu 12

Spezzjonijiet barra l-Kontroll mill-Istat tal-Port

[...]

Artikolu 12a

Impenji ta' spezzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet tal-bastimenti li jidħlu fl-portijiet tagħhom li jikkorrispondu għal tal-inqas 10 % tal-għadd totali ta' bastimenti individwali li jidħlu fl-Istat Membru kull sena. L-għadd totali ta' bastimenti individwali li jidħol fi Stat Membru għandu jiġi kkalkolat bħala l-għadd medju ta' bastimenti individwali tul it-tliet snin ta' qabel, kif irrappurtat fis-Sistema ta' Informazzjoni, Monitoraġġ u Infurzar imsemmija fl-Artikolu 13.
2. [...]

3. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-għadd ta' spezzjonijiet speċifikat fil-paragrafu 1 [...] ta' dan l-Artikolu billi jagħżlu bastimenti abbażi ta' mekkaniżmu tal-Unjoni ta' tqegħid fil-mira abbażi tar-riskji. Biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet u jkunu previsti kondizzjonijiet uniformi għall-għażla ta' bastimenti għall-ispezzjoni, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-prinċipji u l-elementi ta' mekkaniżmu tal-Unjoni ta' tqegħid fil-mira abbażi tar-riskji, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

Fl-għażla tal-bastimenti għall-ispezzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil:

- (a) bastimenti li ma kkonformawx mar-rekwiżiti ta' notifika fl-Artikoli 6 u 7;
- (b) bastimenti fir-rigward ta' liema l-eżami tal-informazzjoni skont l-Artikoli 6, 7 u 9 żvela raġunijiet oħra li jagħtu x'jifhem li l-bastiment mhux konformi ma' din id-Direttiva.

4. [...]

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-ispezzjonijiet għal bastimenti li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE biex, **safejn hu prattikabbli**, jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva.
6. Jekk l-awtorità rilevanti tal-Istat Membru rilevanti ma tkunx sodisfatta bir-riżultati ta' din l-ispezzjoni, din għandha, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-penali msemmija fl-Artikolu 16, tiżgura li l-bastiment ma jitlaqx mill-port sakemm ikun ikkonsenja l-iskart tiegħu lil faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart f'konformità mal-Artikolu 7.

Artikolu 13

Is-Sistema ta' Informazzjoni, Monitoraġġ u Infurzar

L-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva għandu jiġi ffaċilitat bir-rappurtar elettroniku u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri skont l-Artikoli 14 u 15.

Artikolu 14

Ir-rappurtar u l-iskambju ta' informazzjoni

1. Ir-rappurtar u l-iskambju ta' informazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq s-Sistema ta' Skambju u Informazzjoni Marittima tal-Unjoni (SafeSeaNet), imsemmija fl-Artikolu 22a(3) u l-Anness III tad-Direttiva 2002/59/KE.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data li ġejja tkun irrappurtata b'mod elettroniku u fi żmien raġonevoli skont id-Direttiva 2010/65/UE²⁷:
 - (a) l-informazzjoni dwar il-ħin reali tal-wasla u l-ħin tat-tluq ta' kull bastiment, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE, li jidħol f'port tal-UE, flimkien ma' identifikatur tal-port ikkonċernat;
 - (b) l-informazzjoni minn-notifikazzjoni tal-iskart kif tinsab fl-Anness 2;
 - (c) l-informazzjoni mill-irċevuta tal-iskart kif tinsab fl-Anness 3;
 - (d) l-informazzjoni miċ-ċertifikat ta' eżenzjoni kif jinsab fl-Anness 5.
3. [...]
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(2) tkun elettronikament disponibbli għal SafeSeaNet.

²⁷ FR: riżerva dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2010/65 sakemm issir l-analiżi tat-test ta' reviżjoni propost (Artikoli 14 u 15).

Artikolu 15

Id-dokumentazzjoni tal-ispezzjonijiet

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, iżżomm u taġġorna bażi tad-data għall-ispezzjonijiet li l-Istati Membri kollha għandhom ikunu konnessi magħha u li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-ispezzjoni prevista minn din id-Direttiva. Din il-bażi tad-data ser tkun ibbażata fuq il-bażi tad-data ta' spezzjoni msemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/16/KE u għandha jkollha funzjonalitajiet simili għal dik il-bażi tad-data.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni relatata mal-ispezzjonijiet skont din id-Direttiva, inkluża informazzjoni dwar nuqqasijiet u projbizzjoni tal-ordnijiet tat-tluq, tiġi ttrasferita mingħajr dewmien fil-bażi tad-data tal-ispezzjonijiet ladarba r-rapport tal-ispezzjoni jkun tlesta, jew l-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq tkun tneħħiet, jew tkun ingħatat eżenzjoni.
3. [...]
4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-bażi tad-data tal-ispezzjonijiet tagħmilha possibbli li tiġi rkuprata kwalunkwe data rilevanti rrapportata mill-Istati Membri għall-fini ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-bażi tad-data tal-ispezzjonijiet tipprovdi informazzjoni għall-mekkaniżmu tal-Unjoni ta' tqegħid fil-mira abbażi tar-riskji.
5. F'kull ħin, l-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni rreġistrata.

Artikolu 16

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi.

TAQSIMA 5: DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17

Skambju ta' esperjenza

Il-Kummissjoni għandha tipprevedi l-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-esperti, inklużi dawk mis-settur privat, dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-portijiet tal-Unjoni.

Artikolu 18

Proċedura ta' emenda

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 19 sabiex temenda l-Annessi għal din id-Direttiva u r-referenzi għal strumenti tal-IMO sa fejn dan ikun meħtieġ sabiex jinġiebu konformi mal-liġi tal-Unjoni jew sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fl-IMO.
2. Il-Kummissjoni tista' wkoll temenda, permezz ta' atti delegati, [...] l-Annessi **2, 3 u 5²⁸** ta' din id-Direttiva meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġu mtejbja l-arranġamenti ta' implimentazzjoni u ta' monitoraġġ stabbiliti b'din id-Direttiva, b'mod partikolari dawk provduti fl-Artikoli 6, 7 u 9, sabiex ikunu żgurati n-notifika u l-konsenja effettivi tal-iskart, u l-applikazzjoni xierqa tal-eżenzjonijiet.
- 3²⁹. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun debitament ġustifikat minn analiżi adatta mill-Kummissjoni u sabiex tiġi evitata theddida serja u inaċċettabbli lis-sikurezza marittima, is-saħħa, l-għajxien abbord il-bastiment jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol jew l-ambjent tal-baħar, jew biex tiġi evitata inkompatibbiltà mal-leġislazzjoni marittima tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19, li jemendaw din id-Direttiva sabiex ma tiġix applikata, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, emenda għall-Konvenzjoni MARPOL.

²⁸ Il-Kummissjoni: riżerva dwar it-tħassir tal-Annessi 1 u 4.

²⁹ BE, DE, IT, MT, NL: riżerva.

4. L-atti delegati previsti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati tal-inqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perijodu stabbilit internazzjonalment għall-aċċettazzjoni taċita tal-emenda kkonċernata jew id-data prevista għad-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda.

Fil-perijodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-atti delegati, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe inizzjattiva maħsuba biex tintegra l-emenda fil-leġislazzjoni nazzjonali jew biex tapplika l-emenda għall-istrument internazzjonali kkonċernat.

Artikolu 19

Eżerċizzju ta' delega

- 1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemija fl-Artikolu 18(1), (2) u (3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport b'rabta mad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 18(1), (2) u (3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
- 2a. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

3. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
4. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18(1), (2) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Artikolu 20

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS), stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 21

Emendi għad-Direttiva 2009/16/KE

[...]

³⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

Artikolu 22

Emenda għad-Direttiva 2010/65/UE

Id-Direttiva 2010/65/UE hija emendata kif ġej:

fil-punt A tal-Anness, il-punt (4) huwa emendat kif ġej:

"4. In-notifika tal-iskart mill-bastimenti, inklużi fdalijiet

L-Artikoli 6, 7 u 9 tad-Direttiva 201X/XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill".

Artikolu 23

Tħassir

Id-Direttiva 2000/59/KE hija imħassra.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

Artikolu 24

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tevalwa din id-Direttiva u tissottometti r-riżultati tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn seba' snin wara [data tad-dħul fis-seħħ].

Artikolu 25

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [36 xahar wara d-dħul fis-seħħ], il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 27

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS 1

[...]

³¹ Il-Kummissjoni: riżerva dwar it-tfassir tal-Annessi 1 u 4.

[...]

ANNEX 2

FORMAT STANDARD TAL-FORMOLA GĦAN-NOTIFIKA BIL-QUDDIEM GĦALL-KONSENJA TA' SKART

FIL-FAĊILITAJIET TAL-AKKOLJENZA FIL-PORTIJET GĦALL-ISKART

Notifika ta' Konsenja ta' Skart lil: *(daħħal isem il-port ta' destinazzjoni, kif insemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXXX/XX/UE)*

Din il-formola għandha tinżamm abbord il-bastiment flimkien mal-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żejt, il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni tal-Merkanzija jew il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żibel adatti, kif mitlub mill-Konvenzjoni Marpol.

1. ID-DETTALJI TAL-BASTIMENT

1.1 Isem il-bastiment:	1.5 Is-sid jew l-operatur:
1.2 In-numru tal-IMO:	1.6 Numru jew ittri distintivi:
	1.6a Numru MMSI:
1.3 It-tunnellaġġ gross:	1.7 L-Istat tal-Bandiera:
1.4 It-tip ta' bastiment: ☐ Tanker taż-żejt ☐ Vapur tal-merkanzija ieħor	☐ Tanker tas-sustanzi kimiċi ☐ Vapur tal-passiġġieri ☐ Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa ☐ Ro-ro ☐ Kontejner ☐ Ieħor (speċifika)

2. ID-DETTALJI TAL-PORT U L-VJAĠĠ

2.1 Isem il-Post/Terminal:	2.6 L-Aħħar Port fejn saret konsenja tal-iskart:
2.2 Data u Ħin tal-Wasla:	2.7 Data tal-Aħħar Konsenja:
2.3 Data u Ħin tat-Tluq:	2.8 Port tal-Konsenja li Jmiss:
2.4 L-Aħħar Port u Pajjiż:	2.9 Il-persuna li qed tippreżenta din il-formola hija (jekk mhux il-kaptan):
2.5 Port u Pajjiż li Jmiss (jekk magħruf):	

3. IT-TIP U L-AMMONT TA' SKART U KAPAĊITÀ TA' HŻIN³²

Tip	Skart li jrid jiġi konsenjat (m ³)	Kapaċità ta' ħżin massima ddedikata (m ³)	Ammont ta' skart li nżamm abbord (m ³)	Port fejn ser jiġi konsenjat l-iskart li fadal	Ammont stmat ta' skart iġġenerat bejn in-notifika u l-port ta' żjara li jmiss (m ³)
MARPOL Annex I- Żejt					
Ilma żejtni tas-sentina					
Fdalijiet żejtnin (ħama)					
Likwidi żejtnin mill-ħasil ta' tankijiet					
L-ilma tas-saborra maħmuġ					
Ġebli u ħama mit-tindif ta' tankijiet					
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)					

³² SI: tipproponi kategorija għal skart "ieħor".

MARPOL Anness II - NLS³³					
Sustanza tal-Kategorija X					
Sustanza tal-Kategorija Y					
Sustanza tal-Kategorija Z					
OS- sustanzi oħra					
MARPOL Anness IV - Drenaġġ					
MARPOL Anness V - Żibel					
A. Plastiks					
B. Skart tal-lkel					
C. Skart domestiku (pereżempju prodotti tal-karta, ċraret, ħġieġ, metall, flieksen, ċaqquf, eċċ.)					
D. Żejt tat-Tisjir					
E. Irmied tal-inċinerazzjoni					
F. Skart operattiv					
G. Karkassa/i tal-annimali					
H. Irkaptu tas-sajd					
I. Skart elettroniku					
J. Fdalijiet tal-merkanzija ³⁴ (ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar)					
K. Fdalijiet tal-merkanzija ³⁵ (mhux ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar)					
MARPOL Anness VI - relatat mat-Tniġġis tal-Arja					
Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u tagħmir li jkun fih sustanzi bħal dawn ³⁶					
Fdalijiet tat-tindif					

³³ Indika l-isem proprju tat-tbajhir tal-NLS involuti

³⁴ Jistgħu jkunu stimi; indika l-isem proprju tat-tbajhir tal-merkanzija xotta

³⁵ Jistgħu jkunu stimi; indika l-isem proprju tat-tbajhir tal-merkanzija xotta

³⁶ Li jirriżultaw minn attivitajiet normali ta' manutenzjoni abbord

tal-gass tal-egżost					
---------------------	--	--	--	--	--

Skart ieħor, mhux kopert mill-MARPOL					
Skart mistad b'mod passiv					

Noti

1. Din l-informazzjoni għandha tintuża għall-kontroll mill-Istat tal-portijiet u għal skopijiet oħrajn ta' spezzjoni.
2. Din il-formola għandha timtela sakemm il-bastiment ma jkunx kopert b'eżenzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva XXXX/XXXX/UE

ANNEX 3

IL-FORMAT STANDARD TAL-IRĊEVUTA TAL-KONSENJA TAL-ISKART

Ir-rappreżentant maħtur tal-fornitur tal-faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għandu jipprovdi l-formola li ġejja lill-kaptan ta' bastiment li jkun ikkonsenja l-iskart b'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva XXXX/XX/UE.

Din il-formola għandha tinżamm abbord il-bastiment flimkien mal-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żejt, il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni tal-Merkanzija jew il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żibel kif xieraq, kif mitlub mill-MARPOL.

1. DETTALJI TAL-PORT U TAL-FAĊILITÀ TAL-AKKOLJENZA FIL-PORTIJET GĦALL-ISKART

1.1.	Isem il-post/it-terminal:
1.2.	Il-fornitur(i) ta' faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart
1.3.	Fornitur(i) tal-faċilità tat-trattament - jekk differenti minn ta' hawn fuq:
1.4.	Data u Ħin tal-Konsenja tal-Iskart minn: lejn:

2. ID-DETTALJI TAL-BASTIMENT

2.1.	Isem il-bastiment:	2.5.	Is-sid jew l-operatur:
2.2.	In-numru tal-IMO:	2.6.	Numru jew ittri distintivi: Numru tal-MMSI:
2.3.	It-tunnellaġġ gross:	2.7.	L-Istat tal-Bandiera:
2.4.	It-tip ta' bastiment: ☐ Tanker taż-Żejt ☐ Tanker tas-sustanzi kimiċi ☐ Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa ☐ Kontejner ☐ Vapur tal-merkanzija ieħor ☐ Vapur tal-passiġġieri ☐ Ro-ro ☐ Ieħor (speċifika)		

3. TIP U AMMONT TA' SKART RIĊEVUT³⁷

MARPOL Anness I - Żejt	Kwantità (m ³)		MARPOL Anness V - Żibel	Kwantità (m ³)
Ilma żejtni tas-sentina			A. Plastiks	
Fdalijiet żejtnin (ħama)			B. Skart tal-lkel	
Likwidi żejtnin mill-ħasil ta' tankijiet			C. Skart domestiku (pereżempju prodotti tal-karta, ċraret, ħġieġ, metall, fliexken, ċaqquf, eċċ.)	
L-ilma tas-saborra maħmuġ			D. Żejt tat-Tisjir	
Ġebli u ħama mit-tindif ta' tankijiet			E. Irmied tal-inċinerazzjoni	
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)			F. Skart operattiv	

³⁷ SI: tipproponi kategorija għal skart "ieħor".

MARPOL Anness II - NLS	Kwantità (m³)/Isem⁵		G. Karkassa/i tal-annimali	
Sustanza tal-Kategorija X			H. Irkaptu tas-sajd	
Sustanza tal-Kategorija Y			I. Skart elettroniku	
			J. Fdalijiet tal-merkanzija ⁶ (ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar)	
			K. Fdalijiet tal-merkanzija (mhux ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar)	
			MARPOL Anness VI - relatat mat-Tniġġis tal-Arja	Kwantità (m³)
Sustanza tal-Kategorija Z			Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u tagħmir li jkun fih sustanzi bħal dawn	
OS - sustanza oħra			Fdalijiet tat-tindif tal-gass tal-egżost	
MARPOL Anness IV - Drenaġġ	Kwantità (m³)		Skart ieħor, mhux kopert mill-MARPOL	Kwantità (m³)
			Skart mistad b'mod passiv	

F'isem il-faċilità tal-port nikkonferma li l-iskart/l-fdalijiet ta' hawn fuq kienu konsenjati.

Firma: Isem Shih u Timbru tal-Kumpanija:

⁵ Indika l-isem proprju tat-tbajhir tal-NLS involuti

⁶ Indika l-isem proprju tat-tbajhir tal-merkanzija xotta

ANNESS 4

[...]

[...]

ANNESS 5

Ċertifikat ta' Eżenzjoni

**ĊERTIFIKAT TA' EŻENZJONI SKONT L-ARTIKOLU 9
B'RABTA MAR-REKWIŻITI SKONT L-ARTIKOLU 6,
L-ARTIKOLU 7 U L-ARTIKOLU 8 TAD-DIRETTIVA XXXX/XX/UE
FIL-PORT[IJIET] TA' [IKTEB ISEM IL-PORT] FI [IKTEB ISEM L-ISTAT MEMBRU]¹**

Isem il-bastiment Numru jew ittri distinti

L-Istat tal-Bandiera

[*ikteb isem il-bastiment*] [*ikteb in-numru tal-IMO*] [*ikteb isem l-Istat tal-Bandiera*]

huwa fi traffiku skedat b'waqfiet frekwenti u regoli fil-port(ijiet) li ġej(jin) li jinsab(u) fi [*ikteb isem l-Istat Membru*] skont skeda jew rotta predeterminata:

[]

u jżur dawn il-portijiet mill-inqas darba kull ġimagħtejn:

[]

u għamel arranġament biex jiġu żgurati l-ħlas tat-tariffa u l-konsenja tal-iskart lill-port, jew lil parti terza fil-port ta':

[]

u huwa għalhekk eżentat, f'konformità ma' [*Ikteb l-artikolu rilevanti fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-pajjiż*], mir-rekwiżiti dwar:

- ☐ konsenja obbligatorja ta' skart minn bastimenti,
- ☐ in-notifika minn qabel tal-iskart, u
- ☐ il-ħlas tat-tariffa obbligatorja, fil-port(ijiet) li ġej(jin):

¹ Ħassar jekk mhux xieraq.

[...]

[]

Dan iċ-ċertifikat huwa validu sa [*niżżel id-data*], sakemm ir-raġunijiet li fuqhom inħareġ iċ-
ċertifikat ma jinbidlux qabel dik id-data.

Il-Post u d-Data

.....
Isem

Titolu
